**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 26/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 3 ta' Dicembru 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn XXX fis-16 ta' Frar 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jilqa' l-appell tieghu mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 24 ta' Jannar 2011 u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-sena ta' stima 2007, inkluzi l-multi amministrattivi w imghax punittiv; bl-ispejjez kontra il-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "CS01" sa' Dok. "CS03" a fol. 5 sa' 8 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 24 ta' Jannar 2011 u mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2007 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, in kwantu ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A1" sa' Dok. "D" a fol. 13 sa' 18 tal-process;

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu 2012[1] minn liema jirrizulta li dawn il-proceduri mixjin flimkien mal-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11;

---

[1] Fol. 75 tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Charles Attard moghtija waqt is-seduti tad-19 ta' Lulju 2011[2], tas-27 ta' Marzu 2012[3], ta' l-4 ta' Gunju 2013[4], tat-30 ta' Ottubru 2014[5], tat-12 ta' Jannar 2015[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CA1" sa' Dok. "CA7" a fol. 35 sa' 56 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11, id-dokumenti Dok. "GV1" sa' Dok. "GV4" a fol.170 sa' 173 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11; ra l-affidavit ta' l-Avukat Dottor Stefania Mifsud u d-dokumenti annessi mieghu u ra l-affidavit ta' Sonia Vella esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota ipprezentata fis-16 ta' Awwissu 2011 a fol. 41 sa' 50 tal-process, sema' ix-xhieda ta' Sonia Vella moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Awwissu 2011[7] u ra d-dokumenti a fol. 53 u 54 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 25/11, sema' ix-xhieda ta' Rita Schembri moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2012[8] u x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tas-27 ta' Marzu 2012[9], tal-5 ta' Lulju 2012[10], ta' l-4 ta' Gunju 2013[11], tat-3 ta' Frar 2014[12] u tad-19 ta' Mejju 2014[13] u ra d-dokumenti esebiti minnu lkoll flimkien markati Dok. "GV1" a fol. 125 sa' 159 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11, ra l-mistoqsijiet maghmula lir-Rikorrent mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) esebiti mill-istess Direttur permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Ottubru 2013 a fol. 187 sa' 219 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11 u ra r-risposti[14] bil-miktub esebiti u kkonfermati bil-gurament mir-Rikorrent waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2014[15], sema' x-xhieda ta' Marco Borg in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Gunju 2015[16] u tad-19 ta' Ottubru 2015[17] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MB1" sa' Dok. "MB14" a fol. 558 sa' 627 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11, ra l-affidavit ta' l-istess Marco Borg u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "MB1" sa' Dok. "MB20" esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Lulju 2015 a fol. 638 sa' 837 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11, ra l-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent, ra l-file dwar l-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent da parte ta' Sonia Vella, ufficjal tat-Tax Compliance Unit u ra l-*bank statements* esebiti u markati Dok. "$GB_{E1}$" sa' Dok. "$GB_{E9}$", Dok. "$GB_{F1}$" sa' Dok. "$GB_{F9}$" u Dok. "$GB_{G2}$" sa' Dok. "$GB_{H}$";

Ra li waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2011[18], ir-Rikorrent talab sabiex jigi verbalizzat li l-kotba tan-negozju tieghu huma digà fil-pussess tal-Kummissarju tat-Taxxi

---

[2] Fol. 24 sa' 29 tal-process.
[3] Fol. 100 sa' 110 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[4] Fol. 174 sa' 184 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[5] Fol. 530 sa' 551 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[6] Fol. 92 sa' 94 tal-process .
[7] Fol. 53 sa' 56 tal-process.
[8] Fol. 74 tal-process.
[9] Fol. 110 sa' 121 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[10] Fol. 160 sa' 166 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[11] Fol. 185 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[12] Fol. 226 sa' 230 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[13] Fol. 233 sa' 247 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[14] Fol. 221 u 222 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[15] Fol. 223 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[16] Fol. 95 sa' 105 tal-process.
[17] Fol. 841 sa' 850 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[18] Fol. 23 tal-process.

Interni u talab ukoll sabiex l-imghax jigi sospiz b'effett mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur. Ra li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni oppona ghall-ewwel talba tar-Rikorrent peress illi l-kotba tan-negozju ta' l-istess Rikorrent kienu nghataw ghall-fini ta' investigazzjoni tal-VAT u mhux ghall-fini ta' investigazzjoni dwar taxxa fuq l-income w oppona wkoll ghat-tieni talba tar-Rikorrent peress illi din hija kwistjoni li se mai tigi trattata fis-sentenza finali;

Ra li b'Digriet moghti fit-28 ta' Lulju 2011[19], it-talba tar-Rikorrent sabiex jigi verbalizzat li l-kotba tan-negozju tieghu, prezentement fil-pussess tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jitqiesu già fil-pussess tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, giet michuda, filwaqt li t-Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni tat-talba ghas-sospensjoni ta' l-imghax dekoribbli fuq it-taxxa qual' volta dovuta b'effett mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur u rriserva li jipprovdi dwarha fis-sentenza finali;

Ra li waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2011[20], id-difensur tar-Rikorrent talab sabiex l-istess Rikorrent ma jsofri l-ebda pregudizzju procedurali, senjatament in-nullità ta' l-appell, ghall-fatt li ma esebiex il-kotba tan-negozju tieghu fi zmien tletin gurnata mid-data ta' l-primo appuntamento. Ra li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni oppona ghal din it-talba peress illi r-Rikorrent kellu diversi opportunitajiet sabiex jesebixxi il-kotba tan-negozju tieghu qabel l-prezentata ta' dawn il-proceduri;

Ra li b'Digriet moghti fit-28 ta' Lulju 2011[21], it-Tribunal ordna sabiex ghall-fini ta' tali talba, il-partijiet kontendenti jressqu prova dwar: (i) jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talabx lir-Rikorrent jesebixxi l-kotba tan-negozju tieghu; u (ii) ir-ragunijiet tar-Rikorrent ghalfejn dawn il-kotba ma nghatawx lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jekk intalbu. In oltre talab ukoll sabiex ir-Rikorrent jipprezenta kopja tas-sentenzi "Emanuel Sant v. Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Gunju 2008 u "Carlos Cardona v. Kummissarju tat-Taxxa dwa il-Valur Mizjud" ukoll moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Gunju 2008;

Ra li waqt is-seduta tat-18 ta' Awwissu 2011[22] ir-Rikorrent talab li l-file tat-Tax Compliance Unit fir-rigward ta' l-investigazzjoni fil-konfront tieghu jigi esebit fl-atti ta' dawn il-proceduri. Ra li l-Kumissarju tat-Taxxi Intenri oppona ghal din it-talba stante li l-file jirreferi ghal investigazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud u mhux ukoll dwar it-taxxa fuq l-*income* u ra n-Nota Spjegattiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in sostenn ta' l-opposizzjoni tieghu ghat-talba tar-Rikorrent[23];

Ra li b'Digriet moghti fit-22 ta' Awwissu 2011[24], it-talba tar-Rikorrent sabiex il-file tat-Tax Compliance Unit relattiv ghall-investigazzjoni maghmula fil-konfront tieghu jigi esebit fl-atti ta' dawn il-proceduri giet milqugha;

---

[19] Fol. 37 sa' 40 tal-process.
[20] Fol. 35 u 36 tal-process.
[21] Fol. 35 u 36 tal-process.
[22] Fol. 51 sa' 52 tal-process.
[23] Fol. 59 u 60 tal-process.
[24] Fol. 62 sa' 68 tal-process.

Ra li waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2012[25], ir-Rikorrent talab li l-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghall-investigazzjoni fil-konfront tieghu jigi esebit fl-atti ta' dawn il-proceduri u fl-atti tar-Rikorsi fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 25/11 sa' 32/11. Ra li l-Kummissarju tat-Taxxi oppona ghal din it-talba stante li l-file huwa file tad-Dipartiment u jista' jkun fih dokumenti privileggjati li m'ghandhomx jigu mghoddija lir-Rikorrent;

Ra li b'Digriet moghti fil-5 ta' Lulju 2012[26], it-talba tar-Rikorrent biex il-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghall-investigazzjoni fil-konfront tieghu jigi esebit fl-atti ta' dawn il-proceduri u fl-atti tar-Rikorsi fl-ismijiet "Chalres Schembri v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru.25/11 sa' 32/11, giet milqugha;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-Difensur tar-Rikorrent u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 853 sa' 877 tal-process tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11;

Ra li waqt is-seduta tal-11 ta' April 2016[27], il-partijiet kontendenti qablu li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2005, 2006 u 2007 gew riveduti 'l isfel;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'Avviz ta' Likwidazzjoni datat 17 ta' Jannar 2011[28] mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent, l-istess Rikorrent qed jigi mitlub ihallas is-somma komplessiva ta' **€265,188**, rapprezentanti taxxa dovuta ghas-sena ta' stima 2007, flimkien ma' taxxa addizzjonali w imghaxijiet. B'decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 24 ta' Jannar 2011[29], ir-Rikorrent gie infurmat li *your objection has been duly considered but the Commissioner considers that the ground/s submitted cannot be upheld for the following reasons: You have not declared all the income due to be reported for YA 1999-2007. You failed to co-operate with the Department in that: 1. You did not honour several appointments for meetings to be held with the Department's officials. 2. You failed to produce all the documents requested. 3. You failed to explain the deposits in your bank statements which materially exceeded turnover declared* u b'hekk gie deciz li t-taxxa pura dovuta minnu ghas-sena ta' stima 2007 tammonta ghal €71,045.

Ir-Rikorrent hassu aggravat b'din id-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu ghas-sena ta' stima 2007 u interpona appell minnhom quddiem it-Tribunal fejn jitlob li l-istess imsemmija decizjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa jigu mhassra u revokati, inkluzi l-multi amministrattivi w imghax punittiv. Ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu fuq is-

[25] Fol. 123 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[26] Fol. 123 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[27] Fol. 107 tal-process.
[28] Dok. "CS01" a fol. 5 u 6 tal-process.
[29] Dok. "CS03" a fol. 8 tal-process.

segwenti aggravji: (i) il-komputazzjoni *ex officio* mahduma mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u li tifforma l-bazi tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2007 hija bla bazi fil-fatt u fid-dritt u hija markatament arbitrarja w eccessiva; (ii) is-sistema ta' komputazzjoni adoperata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux biss ma kenitx ezatta u sufficjenti izda lanqas tirrapprezenta d-dhul reali tieghu. Huwa car illi fil-kontabilità tieghu l-Kummissarju kkonfonda flimkien l-introjtu tar-Rikorrent ma' dak ta' terzi; (iii) huwa qatt ma qala' l-qliegh li qieghed jghid il-Kummissarju, anzi dak minnu dikjarat bhala dhul taxxabbli huwa sostenut mid-dokumenti pprezentati lill-istess Kummissarju u mill-ispjegazzjoni lilu supplita; (iv) l-istima u l-Avviz ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; (v) huwa ma inghatax smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni u l-Kummissarju ma mexiex mieghu la *rite* u wisq anqas *recte*; u (vi) ir-rapport taxxa pperikolata, multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak illi huwa proporzjonalità.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni u mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2007 u jitlob li l-istess jigi michud u minflok l-imsemmija decizjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa jigu kkonfermati stante li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu: (i) il-Likwidazzjoni nhadmet a bazi ta' informazzjoni li l-Kummissarju kellu f'idejh u dana minkejja li r-Rikorrent baqa' ma pprovdiex id-dokumenti rikjesti minnu sabiex tigi spjegata d-diskrepanza bejn l-ammont ta' dhul dikjarat u l-ammonti depozitati f'kontijiet bankarji; (ii) waqt l-istadju ta' oggezzjoni, minkejja r-rieda tajba murija mir-Rikorrent, huwa baqa' ma spjegax id-diskrepanza bejn il-valur tal-bejgh dikjarat u d-depoziti fil-kont bankarju tieghu; (iii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviz ta' Rifjut mahruga mill-Kummissarju huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu l-istima maghmula tirrifletti d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima in kwistjoni; (iv) la waqt l-istadju ta' verifika u lanqas waqt l-istadju ta' l-oggezzjoni ma jidher li kien hemm in kwistjoni l-introjtu ta' terzi persuni u ghaldaqstant, ir-Rikorrent jehtieg jispjega d-dikjarazzjoni tieghu li 'huwa car illi fil-kontabilità tieghu l-Kummissarju kkonfonda flimkien l-introjtu ta' l-esponenti ma' dak ta' terzi'; (v) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent, huwa ma kkoperax li fl-istadju ta' verifika u lanqas fl-istadju ta' oggezzjoni, tant illi fl-istadju ta' oggezzjoni r-Rikorrent naqas milli jonora xi appuntamenti ghal laqghat ma' ufficjali tad-Dipartiment. Fl-istadju ta' verifika r-Rikorrent mexa b'mod arroganti u kien hemm drabi li l-mod kif indirizza lill-ufficjali tad-Dipartiment ma kien xejn civili; (vi) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent, huwa naqas milli jipprovdi l-informazzjoni u dokumentazzjoni kollha mitluba minnu, fosthom il-kotba tan-negozju; u (vii) ma huwiex minnu li fl-istadju ta' l-oggezzjoni r-Rikorrent ma inghatax smigh xieraq. Huwa inghata erba' appuntamenti ghal diskussjoni ta' l-oggezzjoni tieghu ghall-istima kif mahruga u kien r-Rikorrent stess li naqas milli jonora xi whud minnhom.

Fl-affidavit[30] tieghu Marco Borg, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, spjega il-bazi ta' l-istimi fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' sima 1999 sa' 2007 u

[30] Fol. 640 sa' 654 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

b'hekk kif inhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa relattivi. Fir-rigward huwa ddikjara li: *XXX kien ghamel depoziti li jammontaw ghal aktar mill-ammonti ta' bejgh li kien iddikjara huwa stess fil-formoli tat-taxxa tieghu. Fil-fatt kif jidher fit-Tabella Numru 4, huwa ddepozita ammonti ferm aktar gholja mill-ammonti kif iddikjarati fil-bejgh. Id-differenza hija tant kbira* (ossia bejn total ta' depoziti minn sena ta' stima 1999 sa' sena ta' stima 2004 €1,300,433 u total ta' bejgh dikjarat minn sena ta' stima 1999 sa' sena ta' stima 2004 €221,745) *li tindika li parti sostanzjali ta' l-attività ekonomika ta' XXX ma kienetx qeghda tigi dikjarata*[31]. ... *Id-depoziti indikati fit-Tabella Numru 4* (ossia s-somma ta' €1,300,433) *irrizultaw minn tlett kontijiet bankarji separati bin-numri: BOV 10702754042, BOV 10702754071 u BOV 10702754055 li huma l-unici kontijiet bankarji li XXX ghadda informazzjoni dwarhom lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Nghid ukoll li huwa qatt ma gab Bank Confirmation letter sabiex jikkonferma li huwa kien issottometta kopji tal-istatements kollha tal-kontijiet li huwa kellu. Apparti hekk, f'dan l-istadju, il-kotba tal-bank li XXX issottometta kienu jirrigwardaw biss is-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2004. Dana jfisser li l-kotba tal-banek li jirrigwardaw is-snin ta' stima 2005, 2006 u 2007 ma gewx mghoddija lid-Dipartiment minkejja li gew mitluba diversi drabi. Nghid li ghal din ir-raguni d-Dipartiment ghamel stima tal-qligh mill-attivitajiet ekonomici ta' XXX billi ha t-total tad-depoziti li nstabu fil-kontijiet bankarji provduti minnu bhala parti mill-bejgh tan-negozju tieghu. Dan l-ezercizzju seta' jsir biss ghas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2004 u dana peress li fl-istadju li inharget l-istima tal-Kummissarju, XXX ma kienx ghadda l-kotba tal-banek ghas-snin ta' stima 2005 sas-sena ta' stima 2007. Mad-depoziti li deheru fil-kotba tal-banek li gew mghoddija lil ufficjali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment ra li biex jasal ghal stima gusta tad-dhul ta' XXX, kellu jzid maghhom ammonti ohra sabiex jaghmlu tajjeb ghal kontijiet bankarji ohra li XXX seta' kellu u dan peress li, kif digà inghad, huwa baqa' qatt ma gab bank confirmation letters li juru li dawk kienu l-unici kontijiet bankarji lokali u barranin li huwa ghandu. Nghid ukoll li huwa lanqas ma gab kopja ta' cash book li fih jinzamm rendikont tad-dhul li qala' bhala cash in hand u li setgha qatt ma gie depozitat f'kontijiet bankarji. Nghid illi peress li XXX naqas milli jissottometti l-Bank Confirmation Letters, li permezz taghhom id-Dipartiment kien ikun jista' jassigura ruhu li fil-fatt gew mghoddija l-kotba tal-bank kollha, id-Dipartiment hass li kellu jaghmel tajjeb ghal dan il-fatt fil-kalkoli tieghu. Ghal din ir-raguni, id-Dipartiment zied l-ammont ta' Lm5,000 bhala depoziti f'kontijiet bankarji ohra li huwa setgha kellu, ghas-sena ta' stima 1999 u dan l-ammont gie aggustat b'zieda ta' Lm100 ghal kull sena ta' stima sas-sena ta' stima 2004. Nghid ukoll li minhabba li XXX baqa' ma ghaddiex kopja tal-cash book tan-negozju tieghu, id-Dipartiment ma setghax ikun jaf jekk XXX rceviex flus cash li qatt ma gew depozitati l-bank. Ghalhekk, sabiex jasal ghall-istima tieghu d-dhul tieghu gie mizjud bi Lm3,000 mad-depoziti ghas-sena ta' stima 1999. Dan l-ammont ta' Lm3,000 gie aggustat b'zieda ta' Lm100 ghal kull sena ta' stima sas-sena ta' stima 2004. Minn dawn l-ammonti li l-Kummissarju ha in konsiderazzjoni sabiex jasal ghall-istima tieghu u li gew spjegati fil-paragrafi 18 sal-paragrafu 22, id-Dipartiment naqqas il-V.A.T. migbura fuq l-ammonti dikjarati. B'dawn il-kalkoli d-Dipartiment wasal ghall-istima ta' bejgh ta' XXX*

[31] Sommarju tad-depoziti fil-kontijiet tal-banek li r-Rikorrent issottometta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jinsab esebit bhala Dok. 12 a fol. 764 sa' 770 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

*ghas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2004, li ghalihom id-Dipartiment kellu l-kotba tal-banek. Peress li ghas-snin ta' Stima 2005, 2006 u 2007 XXX ma ghaddiex il-kotba tal-banek, allavolja dawn gew mitluba diversi drabi, id-Dipartiment assuma li l-bejgh ta' dghajjes li huwa ghamel kien skond il-medja tas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2004. Ghal din ir-raguni d-Dipartiment hareg stima ta' bejgh ta' Lm218,382 ghal dawn it-tlett snin. Nghid li peress li XXX qatt ma ssottometta l-ircevuti tax-xiri, id-Dipartiment ma accettax 30% mill-ispejjez tax-xiri u spejjez ohra mitluba minnu w accetta 70% ta' l-ispejjez mitluba ghalkemm dawn ukoll ma gewx sostanzjati. Spejjez relatati ma' pagi u l-FSS tax qablu mas-sorsi tad-Dipartiment. Minn analizi preliminari d-Dipartiment kellu suspett li XXX ma kienx qieghed izomm il-listi ta' l-ispejjez b'mod akkurat u kif titlob il-ligi. Dan is-suspett gie mqanqal mill-fatt li l-ispejjez gew 'rounded'. … Meta dan gie analizzat fid-dawl li huwa ma kkoperax mad-Dipartiment u baqa' qatt ma ipprovda kotba tan-negozju u l-invoices relatati, kompla wera li d-Dipartiment ma kellux triq ohra hlief li johrog l-assessments tieghu fuq is-snin taht investigazzjoni. Apparti dan, kif qieghed jigi spjegat fid-dokument hawn anness u immarkat bhala Dok.11[32], XXX kellu zball fil-kalkoli tieghu ghas-sena ta' stima 2005 fejn il-lista ta' l-ispejjez kellha tghodd Lm6,520 u mhux Lm7,070 kif gie muri fil-formola tat-taxxa. Minhabba li XXX ma kienx iddikjara ix-xiri tad-dghajjes fil-Profit & Loss accounts li bghatt mal-formoli tat-taxxa, id-Dipartiment hass li biex ikun jista' jasal ghal stima gusta tal-qliegh tieghu, kellu jiehu biss 50% fuq il-listi tal-bejgh, kif jidher minn Dok. 13 hawn anness[33], li XXX stess kien ghadda lid-Dipartiment u liema listi ma kienux sostanzjati b'ircevuti. Dan l-ezercizzju seta' jsir biss ghas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2004 minhabba l-fatt li, kif digà ntqal, l-ebda forma ta' kotba tal-banek ma gew mghoddija lid-Dipartiment ghas-snin ta' stima 2005 sas-sena ta' stima 2007. … Nerga' nirrimarka li fil-kors tal-perijodu ta' verifika, XXX baqa' ma ressaqx dokumentazzjoni jew provi biex ikun jista' jispjega d-depoziti li kellu fil-kontijiet bankarji tieghu. Peress li baqa' ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar id-dhul taxxabbli, fil-11 ta' Dicembru 2008, id-Dipartiment hareg disa' Avvizi ta' Likwidazzjoni ghas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2007… Nghid illi peress li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni baqa' mhux sodisfatt bl-ispjegazzjoni moghtija lilu, fl-24 ta' Jannar 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum il-Kummissarju tat-Taxxi, ipproceda bil-hrug ta' disa' Avvizi ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni ghas-snin ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2007 … ghar-ragunijiet li huwa baqa' ma iddikjarax id-dhul kollu ghas-snin ta' Stima 1999-2007. Li ma ikkoperax mad-Dipartiment meta: 1) ma onorajtx numru ta' appuntamenti ghall-laqghat ma' ufficjali tad-dipartiment; 2) inqast li tipproduci d-dokumenti kollha mitluba; 3) inqast milli tispjega d-depoziti fil-kotba tal-banek tieghek li kienu materjalment oghla mill-bejgh iddikjarat[34].*

Li l-bazi ta' l-istimi mahruga fil-konfront tar-Rikorrent, inkluz ghalhekk l-istima ghas-sena ta' stima 2007, hija kif spjegat minn Marco Borg jirrizulta kkonfermat mill-files tad-Dipartiment relattivi ghall-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent

[32] Fol. 763 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[33] Fol. 771 sa' 776 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[34] Para. 18 sa' 25, 27 u 28 u 45 ta' l-affidavit ta' Marco Borg, fol. 644 sa' 646 tal-process u fol. 650 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, senjatament mill-*workings* f'Red $56_1$ sa' $56_7$, Red 58 sa' Red $63_1$, u mill-minuta Nru. 78 fejn appuntu f'din il-minuta gie osservat li *taxpayer, who sells and repairs boats, was audited for the YA 1999 to 2007. Apart from the failure by taxpayer to produce various documents and trade books, it was found that deposits in his bank accounts exceeded by a great amount (ranging from around Lm90,000 to Lm290,000 p.a.) the declared sales. Taxpayer did adjust slightly his trading income for some years, but it was nowhere near the amount expected by the dept. Therefore, assts were issued, to which taxpayer objected. At objections stage taxpayer and his accountant presented some workings and documentation, but they never explained the excessive amount of deposits in the bank accounts. They even failed to attend the last few meetings. It is therefore being proposed that the objections to the YA 1999-2007 assts be refused (income as detailed in red 77). You may wish to approve the issue of refusals.*

Mill-files tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri u mill-affidavit ta' Marco Borg jirrizulta ghalhekk li l-bazi centrali ta' l-istimi mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti inkluza ghalhekk s-sena ta' stima 2007, hija d-diskrepanza li rrizultat bejn id-depoziti bankarji tar-Rikorrent u dak minnu dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tieghu ghas-snin ta' stima in kwistjoni, liema diskrepanza baqghet ma gietx sodisfacentement iggustifikata u spjegata mir-Rikorrent anke minhabba n-nuqqas ta' sottomissjoni lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ta' diversi dokumenti, fosthom il-kotba tan-negozju tieghu. Hemm ukoll l-assunzjonijiet li saru mill-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward taz-zidiet fid-dhul ta' kull sena biex jaghmlu tajjeb ghal flejjes ohra li r-Rikorrent seta' kellu depozitati f'banek ohra, kemm lokali kif ukoll barranin, u dwar liema huwa baqa' qatt ma ipprovda dokumenti u spjegazzjonijiet sodisfacenti, u zidiet ulterjuri fid-dhul ta' kull sena biex jaghmlu tajjeb ghall-*cash in hand* li seta' kellu l-istess Rikorrent peress illi huwa baqa' qatt ma pprezenta l-*cash books* tieghu. Fl-istadju tal-hrug tal-Likwidazzjonijiet tat-Taxxa u l-Avvizi ta' Rifjut il-Kummissarju tat-Taxxi kellu wkoll jaghmel assunzjonijiet fir-rigward tas-snin ta' stima 2005, 2006 u 2007 ghaliex ir-Rikorrent, oltre milli naqas li jissottometti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni l-kotba tan-negozju tieghu, naqas ukoll milli jissottometti *bank statements* relattivi ghal dawn is-snin ta' stima partikolari.

Din id-dokumentazzjoni li l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li qatt ma giet sottomessa lilu mir-Rikorrent minkejja diversi talbiet ghall-istess kemm fl-istadju ta' verifika kif ukoll fl-istadju ta' oggezzjoni, ikkostitwiet kwistjoni centrali f'dawn il-proceduri. Ir-Rikorrent b'insistenza jishaq li din id-dokumentazzjoni mehtiega ghall-finijiet ta' l-investigazzjoni dwar it-taxxa fuq l-*income* kienet fil-pussess tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in kwantu sottomessa lit-Tax Compliance Unit fil-kuntest ta' l-investigazzjoni li kienet qed titmexxa fil-konfront tieghu relattivament ghat-taxxa fuq il-valur mizjud.

Fir-rigward Dr. Charles Attard, rapprezentant u konsulent tar-Rikorrent li dahal fil-kwistjoni odjerna b'effett mill-2008 ossia fis-sena meta l-ewwel li nhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2007, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, iddikjara: *ir-rikorrent jaghmel riparamenti fuq dghajjes li ghandhom magni outboard. Madanakollu, meta konna qed naraw l-affarijiet tar-Rikorrent irrizultalna li l-istess Rikorrent kien*

*jaghmel forma ta' trading fid-dghajjes fis-sens li jpartat id-dghajjes. Jista' jkun ukoll li jgib dghajsa minn barra ghal xi hadd però parti mill-hlas ghal dik id-dghajsa tkun fforma ohra minghand min ikun ser jixtri d-dghajsa l-gdida imbaghad dik id-dghajsa tkun tista' tinbiegh wara certu ammont ta' zmien. Kien dan it-tip ta' dhul li ma kienx qed jigi rifless fit-tax return. Ghal dak li jirrigwarda l-investigazzjoni bhala taxxa, id-dokumentazzjoni li ntalbet mid-dipartiment kienu biss bank statements. Meta imbaghad bdiet l-investigazzjoni min-naha tal-VAT li kienet bdiet titmexxa mis-Sinjura Sonia Vella, dina talbitna wkoll il-ledgers tan-negozju tar-Rikorrent. Ir-Rikorrent kien izomm dawn il-ledgers b'mod manwali u allura ahna gahmilnielha fotokopja ta' kollox u ghaddejnielha d-dokumentazzjoni mitluba. Qed nigi mistoqsi x'kotba ghandu f'idejh il-Kummissarju tat-Taxxi Interni nghid li jekk id-dipartiment tat-taxxa mhux qed jissellef id-dokumentazzjoni li ghandu f'idejh id-dipartiment tal-VAT, l-unika dokumentazzjoni li ghandu d-dipartiment tat-taxxa huma l-bank statements biss. Madanakollu rrid infakkar lit-Tribunal li dawn huma l-istess Ministeru. ... Ir-Rikorrent ikkopera bis-shih tul l-investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin fil-konfront tieghu, hlief ghal xi zewg laqghat li kien hemm iffissati ma' Sonia Vella tul il-perijodu tas-sajf u ma setghax jattendi ghar-raguni li kien imhabbat. Biex inghatat id-dokumentazzjoni mir-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni qabel ma dhalt fil-kwistjoni jiena minix fposizzjoni li nirrispondi. Wara li dhalt jiena ma nghatawx dokumenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghaliex dan zamm il-bank statements li gjà kellu fil-pussess tieghu u ghalhekk lit-tax audit ma nghatawx dokumenti godda. Fil-kuntest tal-VAT però inghataw il-ledgers kif ukoll l-ircevuti. Madanakollu jiena infurmat ukoll illi lit-tax audit XXX già kien tahom xi kuntratti biex ikunu jistghu jaqtghu mit-turnover relattiv ghalihom izda x'kienu u ta' meta kienu dawn il-kuntratti m'inix fposizzjoni nghid*[35].

Fid-dawl tax-xhieda ta' Dr. Charles Attard, waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2011[36] ir-Rikorrent talab sabiex jigi verbalizzat li l-kotba tan-negozju tieghu huma digà fil-pussess tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni peress illi din id-dokumentazzjoni kienet inghatat lil Sonia Vella, ufficjal tat-Tax Compliance Unit, fil-kuntest ta' l-investigazzjoni taghha fil-konfront tar-Rikorrent, liema talba però giet michuda b'Digriet moghti fit-28 ta' Lulju 2011[37] stante li: *kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, ghalkemm id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jaqghu taht l-istess Ministeru, iz-zewg Dipartimenti huma separati minn xulxin u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huma fattwalment u guridikament zewg figuri distinti minn xulxin. Isegwi ghalhekk li l-investigazzjonijiet minnhom rispettivament immexxija fil-konfront ta' l-istess persuna (fizika jew morali, skond il-kaz) ma humiex u ma jistghux jitqiesu li huma investigazzjoni wahda w unika, b'dana li d-dokumentazzjoni sottomessa mill-persuna investigata fil-kuntest ta' investigazzjoni wahda titqies li tigi awtomatikament sottomessa fil-kuntest ta' l-investigazzjoni l-ohra. Konferma ta' dan tirrizulta mill-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament mid-*

[35] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2011, fol. 24 sa' 29 tal-process.
[36] Fol. 23 tal-process.
[37] Fol. 37 sa' 40 tal-process.

*disposizzjonijiet dwar is-segretezza ufficjali, rispettivament l-Artikolu 4 tal-Kap. 372 u l-Artikolu 56 tal-Kap.406. L-Artikolu 4(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li b'dak kollu li jinsab f'dan l-artikolu l-Kummissarju jista' jaghmel uzu mid-dokumenti, taghrif u prospetti dwar l-income jew partiti ta' income ta' kull persuna ghall-fini ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u jista' jipproduci jew igieghel lil min jipproduci f'qorti, f'kull procedimenti dwar taxxi imhallsa jew li ghandhom jithallsu, u ghall-gbir ta' kull penali mwahhla bis-sahha ta' dak l-Att, kopja ta' kull partikolaritajiet li jkun hemm f'xi dokument jew prospett kif intqal fuq, certifikata minnu jew mic-Chairman tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bis-sahha ta' l-artikolu 34 jew mir-Registratur tal-Qrati, skond il-kaz, li tkun kopja ta' dawk il-partikolaritajiet: Izda il-Kummissarju jista' jipproduci jew igieghel lil min jipproduci l-original ta' kull dokument jew prospett bhal dan f'kull kaz li jkun mehtieg li ssir il-prova tal-kalligrafija jew ta' l-identità tal-persuna li tkun kitbet, ghamlet, iffirmat jew tat dak id-dokument jew prospett, izda biss ghall-iskop ta' dik il-prova. L-Artikolu 4(9) ta' l-istess Kapitolu tal-Ligi jipprovdi li minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli l-ohra ta' dan l-artikolu jew ta' kull ligi ohra, il-Kummissarju ghandu jaghti lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dak it-taghrif, li jkun taghrif miksub mill-Kummissarju ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' dan l-Att, hekk kif jista' jigi ordnat mill-Ministru. L-Artikolu 56(4) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli l-ohra ta' dan l-artikolu jew ta' kull ligi ohra, il-Kummissarju ghandu jaghti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, lill-awtorità kompetenti mahtura taht l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni u lill-Kontrollur tad-Dwana dak it-taghrif, li jkun taghrif miksub mill-Kummissarju ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' dan l-Att, hekk kif jista' jigi ordnat mill-Ministru. Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car li taghrif miksub, inkluz ghalhekk dokumentazzjoni, mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond il-kaz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Atti rispettivi, inkluzi ghalhekk investigazzjonijiet minnhom rispettivament immexxija, ma jistax jitqies li qieghed ghand il-wiehed jew l-iehor b'mod awtomatiku kif pretiz mir-Rikorrent izda jista' jinghata minn wiehed lill-iehor fuq ordni mill-Ministru.*

Fil-fehma tat-Tribunal il-kwistjoni dwar id-dokumentazzjoni sollevata mir-Rikorrent kellha tieqaf ma' l-ghoti ta' l-imsemmi Digriet izda r-Rikorrent, tramite x-xhieda ta' Dr. Charles Attard, baqa' jinsisti bil-pretensjoni tieghu li ladarba d-dokumentazzjoni nghatat lil Sonia Vella fil-kuntest ta' l-investigazzjoni mexxija minnha, allura ghandu jitqies li din giet ukoll debitament sottomessa lill-ufficjali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-kuntest ta' l-investiazzjoni mexxija minnhom fil-konfront tieghu.

Waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2012[38], Dr. Charles Attard iddikjara: *li gara dak iz-zmien, kien hemm daqsxejn ta' konfuzjoni bejn tax audit assessment, bejn assessment fuq it-tax compliance u bejn ukoll il-komputazzjoni ohra li hija parallela maghhom fuq l-evizjoni tal-VAT. Mela dan fl-istess zmien kien hemm Elaine, tajjeb, kien hemm xi iehor li ma nistax niftakar x'jismu, issa forsi mmur*

[38] Fol. 100 sa' 121 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

*insibu. Kien qed jaghmel l-audit review ta' Elaine u kien hemm Sonia li kienet titkellem ma' Mr. Gaerty, kollha jitolbu l-istess karti li ovvjament jekk ghandek ircevuta, jekk ghandek kotba, wiehed ikollok u konna qedghin nghidulhom biex jixxerjawhom bejniethom. Jigifieri dawn il-karti li hi kienet qed tghid li huma neqsin kienu neqsin fl-istadju taghha, però hi kienet infurmata li kienu ghand Sonia Vella, illi din kienet imqabbda biex taghmel l-istess exercise però ghall-VAT, biex tohrog il-VAT li ghandha tithallas. Però dawn qedghin taht l-istess saqaf, dawn qedghin fl-istess ufficcju, ahna stajna konna nghidulhom jiehdu wiehed minn ta' l-iehor, imbaghad kienu jghidu li ma ngabux, mela dawn qedghin fil-kaxxa numru hamsa, tajnihom lit-tali, imbaghad kienu jinstabu però hu jista' jkun rightly so, meta kitbet illi ma nghatawx, ghax ma kellix hi.* Waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2014[39], mistoqsi dwar il-kotba tan-negozju ghas-snin 2004, 2005 u 2006 u jekk dawn gewx sottomessi lill-ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Dr. Charles Attard mill-gdid sahaq illi *Elaine Bartolo tghid illi dawn il-karti ma inghatawlhiex, XXX jghid dawk qeghdin ghand it-Tax Compliance Unit, qeghdin fl-istess dipartiment, araw fejn qeghidn jien sett wiehed ghandi u probabilment li kien hemm paralleli Elaine Bartolo u forsi Sonia fuq il-VAT u forsi haddiehor qed jahdem u ma kienux jafu li taht l-istess saqaf, ghax imbaghad irritornawhom. Jigifieri chronologically, iva tkun fair li nghid illi xi hadd mill-iskrivani ma kellux imma ghand skrivan iehor fl-istess dipartiment ghax imbaghad irrirtornawhom wara.*

Mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li l-investigazzjoni ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* u l-investigazzjoni ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud, kienu zewg investigazzjonijiet separati u distinti minn xulxin, mhux biss ghall-finijiet ta' zmien meta gew esegwiti tali investigazzjonijiet izda anke ghall-finijiet ta' rizultat ahhari fis-sens illi l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri nhargu a bazi tal-konkluzzjonijiet tat-tax audit filwaqt li il-konkluzzjonijiet tat-Tax Compliance Unit wasslu ghall-hrug ta' stimi da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema stimi ma jiffurmawx il-mertu ta' dawn il-proceduri.

L-investigazzjoni ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* kienet originarjament infethet fir-rigward tas-sena ta' stima 2002 fit-2 ta' Lulju 2004[40] u d-dokumentazzjoni mehtiega ghall-fini ta' l-investigazzjoni relattiva ghal din is-sena ta' stima, ossia lita dettaljata rigward dhul minn dividendi/imghax, kotba tal-banek/statements (lokali u barranin), kotba tan-negozju u d-dokumenti relatati u d-denunzji tal-VAT, intalbet permezz ta' ittra datat 6 ta' Lulju 2004[41]. Sussegwentement u wara process ta' verifika fir-rigward ta' l-imsemmija sena ta' stima r-Rikorrent, b'diversi ittri datati 22 ta' Novembru 2006[42], gie nfurmat li l-investigazzjoni ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* kienet ser tigi estiza ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2005, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, u fejn intalab jipprovdi d-dokumentazzjoni kollha relatata mad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tieghu ghall-imsemmija snin ta' stima. Wara ezercizzju ulterjuri ta' verifika, li fih gew inkluzi ukoll is-snin ta' stima 2006 u 2007 wara li gew sottomessi Formoli ta' Aggustament da parte tar-Rikorrent, liema

[39] Fol. 530 sa' 551 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[40] Red 2 fil-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.
[41] Red 3 fil-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.
[42] Dok. "MB7" a fol. 692 sa' 697 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

Formoli u d-dhul dikjarat fihom baqa' ma kkonvinciex lill-Kummissarju tat-Taxxi, fil-11 ta' Dicembru 2008 inhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2007, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi[43]. Dawn il-Likwidazzjonijiet tat-Taxxa nhargu ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi kien ghadu mhux konvint u sodisfatt bid-dikjarazzjonijiet tad-dhul tar-Rikorrent u bl-ispjegazzjonijiet tar-Rikorrent dwar id-diskrepanza bejn id-depoziti fil-kontijiet bankarji tieghu u d-dhul minnu dikjarat u dana billi r-Rikorrent baqa' ma issottomettiex dokumentazzjoni materjali ghall-investigazzjoni, fosthom il-kotba tan-negozju tieghu relattivi ghas-snin ta' stima kollha u l-*bank statements* ghall-kontijiet bankarji ghas-snin ta' stima 2005, 2006 u 2007.

Ir-Rikorrent oggezzjona mill-Likwidazzjonijiet tat-Taxxa mahruga fil-konfront tieghu u fis-27 ta' Mejju 2009[44] inbeda l-istadju ta' l-oggezzjoni mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni, liema stadju però wassal ghac-cahda ta' l-oggezzjonijiet tar-Rikorrent u ghall-konferma tal-Likwidazzjonijiet tat-Taxxa ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2007, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, stante li *during objection stage TP and his representative attended for a few appointments during which they provided some workings and documentation. It was explained to TP that the workings presented, on which his income declared was based, did not give a true and fair view of the real income earned. He was provided with our workings and asked to adjust his income accordingly. Ample time was given for TP to adjust his income but he is not even attending for the appointments. I therefore agree with revenue officer to issue an official refusal against TPs objections*[45]. B'hekk fis-17 ta' Jannar 2011 inhargu l-Likwidazzjonijiet tat-Taxxa ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2007, l-imsemmija snin ta' stima inkluzi, u fl-24 ta' Jannar 2011 inhargu r-Rifjuti ufficjali[46].

Min-naha l-ohra l-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud bdiet fit-**28 ta' Mejju 2008** jigifieri ben sentejn wara li l-investigazzjonijiet ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* kienet giet estiza ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2005, li waqt il-verifika nkludiet ukoll is-snin ta' stima 2006 u 2007, u b'hekk Sonia Vella bdiet titlob ghad-dokumentazzjoni mehtiega wara din id-data u cioè zmien ferm wara li kienet intalbet diversi drabi mill-ufficjali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal iqis li l-ispjegazzjoni moghtija minn Dr. Charles Attard dwar il-kwistjoni tad-dokumenti ma hijiex affattu kredibbli u b'hekk accettabbli u sostenibbli. In verità tali spjegazzjoni hija intiza biss biex it-Tribunal jigi zvjat fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet essenzjali u centrali li ghandu jaghmel dwar dan il-kaz.

---

[43] Red $67_1$ sa' $67_{18}$ tal-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.
[44] Red 73 tal-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.
[45] Minuta 76 fil-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.
[46] Red $81_1$ sa' $81_{29}$ tal-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent.

Detto ciò din id-dokumentazzjoni li kienet ghand l-ufficjal tat-Tax Compliance Unit Sonia Vella, illum tinsab fi u tifforma parti integrali mill-atti ta' dawn il-proceduri u dana in segwitu ghal Digriet moghti fit-22 ta' Awwissu 2011[47].

Fil-mori tal-proceduri il-Kummissarju tat-Taxxi ezamina din id-dokumentazzjoni u fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2015[48], Marco Borg spjega x'irrizulta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni minn din id-dokumentazzjoni: *bazikament ahna rajna d-dokumenti li hemm fil-kaxxa u l-ewwel ser nibda billi niddeskrivi x'inhuma d-dokumenti li kien hemm fil-kaxxa, naghti analizi taghhom u kif wasalna ghall-konkluzjoni billi nbiddlu xi figuri li kien hemm fl-assessments. Id-dokumenti li hemm fil-kaxxa parti minnhom iddiskrevejniehom bhala vat return documents li kienu jirrigwardaw il-vat periods November 2003 sa' October 2004, November 2004 sa' October 2005 u November 2005 sa' October 2006. Kien hemm numru ta' bank statements li kienu jirrigwardaw XXX account Techno Marine clients li kienu ghas-snin bazi kollha minn 1998 sat-2006, l-istess kien hemm XXX client account u XXX account Techno Marine li kien overdraft u dawn it-tlieta li huma kienu ghas-snin bazi 1998 sat-2006. Kien hemm batch iehor li kienu kopji ta' sales invoices li kienu ghas-snin bazi 1998 sat-2003 u kien hemm kopji ta' purchases u expenses invoices minn 1998 sat-2003. Ghandi kopja tad-dokumenti u ser nghaddi wkoll kopja lill-kontroparti* - Dok. "MB1" a fol. 627 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *L-ewwel analizi li ahna ghamilna kienet billi eliminajna dawk id-dokumenti li kienu jirrigwardaw lil XXX fuq bazi personali. Fil-fatt fl-1 ta' Ottubru 2002 XXX kien xtara villa bl-isem ta' "Panorama" gewwa l-Birguma limiti tan-Naxxar ghall-ammont ta' Lm95,000. Mal-valur tat-trasferiment XXX hallas Lm4,450 bhala boll fuq it-trasferiment u mal-kuntratt li ser nesebixxi wkoll, XXX xtara ghamara w oggetti ohra ghall-ammont ta' Lm26,500 minghand l-istess venditur. Peress li ma jissemma l-ebda self minn xi bank fuq il-kuntratt tax-xiri, id-dipartiment qed jassumi li XXX kellu bizzejjed flus kontanti biex johrog l-ammont globali ta' Lm125,950 fuq it-trasferiment ta' din il-proprjetà. Hawn ghandi kopja tal-kuntratt tax-xiri ta' din il-proprjetà u hawn ukoll il-lista tal-affarijiet iffirmata minn Terence Arthur Mizon tal-affarijiet l-ohra li nxtraw ma' dan it-trasferiment* - Dok. "MB2" a fol. 623 sa' 626 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Qed tigi prezentata wkoll lista ta' ircevuti li XXX hallas matul is-sena 2003 fl-istess villa li kien xtara is-sena ta' qabel. Matul is-sena 2004 nefaq Lm1,627 fl-istess villa. Ta' min jirrimarka li dawn jammontaw ghal spiza globali ta' Lm43,399. Dan kollu jfisser li fil-proprjetà li kien xtara fl-2002 f'inqas minn sentejn XXX hareg mill-inqas Lm169,349. Hawnhekk qieghed nipproduci lista tal-ispejjez li saru kemm fis-sena 2003 kif ukoll invoice wahda ghas-sena 2004 u l-invoices kollha relattivi ma' dawn il-pagamenti li saru* - Dok. "MB3" a fol. 587 sa' 622 fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Ma' dawn l-investimenti fil-proprjetà li semmejt fuq il-villa gewwa l-Birguma, is-sur Schembri xtara proprjetà ohra li huwa garaxx minghajr numru gewwa x-Xemxija limiti ta' San Pawl il-Bahar nhar it-30 ta' Mejju 2003. It-trasferiment sehh ghall-valur ta' Lm30,000 filwaqt li XXX hallas fuq it-trasferiment boll ta' Lm1,500. Ghal darb'ohra ma jissemma ebda self mill-bank fil-kuntratt ta' trasferiment u*

[47] Fol. 62 sa' 68 tal-process.
[48] Fol. 95 sa' 105 tal-process.

*ghal din ir-raguni wiehed jassumi li XXX kellu bizzejjed flus kontanti biex jixtri din il-proprjetà. Meta wiehed jghodd dawn l-investimenti dan jammonta ghal Lm200,849. Minn informazzjoni li ghandu f'idejh id-dipartiment, parti mill-investiment seta' kien iffinanzjat minn bejgh ta' proprjetà li huwa kellu gewwa s-Swieqi li XXX biegh ghall-valur ta' Lm80,000. Ser nesebixxi l-kuntratt tax-xiri tal-garaxx* - Dok. "MB4" a fol. 584 sa' 586 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Meta d-dipartiment analizza d-dokumenti li kien hemm fil-kaxxa bazikament wasal ovvjament ghal numru ta' konkluzjonijiet però xtaqt nirrimarka numru ta' punti. L-ewwel nett id-dipartiment mhux qed iqis li d-dokumenti li hemm fil-kaxxa jitqiesu bhala full books of accounts. Bazikament kien hemm numru ta' affarijiet neqsin minnhom li jistghu jikklassifikawhom bhala books of accounts. Per ezempju ma kienx hemm cash book, ma kienux organizzati, ma kienx hemm ledgers, ghaliex dawk il-ledgers li gew ipprezentati w ohrajn li ser jigu prezentati issa inhadmu minn nies gewwa d-dipartiment. Jigifieri biex inpoggu l-affarijiet fil-perspettiva taghhom kienu mehmuzin go file. Haga ohra hija li ma jaqblux ma' dak li gie dikjarat u fuq dan ser nitkellmu aktar 'il quddiem dwaru apparti dan li ma kienx hemm ledgers. Xtaqt inpoggi lil kulhadd fl-istampa l-mod kif kien inhadem l-assessment originarjament. Bazikament peress li r-rikorrent ma kienx ipprezenta ledgers u invoices ghal dawn is-snin ta' stima, id-dipartiment l-unika mezz li kellu biex ikun jista' jasal ghal forma ta' stima ragjonevoli kien li jibbaza ruhu fuq il-bank deposits. Bazikament qabad il-bank deposits li kellu li dawn kienu jirrigwardaw is-snin ta' stima 1999 sat-2004 ghaddhom u qal mela dawn ha nqishom bhala bejgh tat-tax payer. Dan ma kellux legders ma' xiex iqabbel essenzjalment, per ezempju fejn jidhlu sales of repairs and parts u ma kien hemm ebda ledgers li jghidu li sar dan il-bejgh f'dik il-gurnata. Ma' dawn id-depoziti d-dipartiment assuma li kien hemm hamest elef ghal kull sena li mbaghad ziedhom bi ftit biex jaggustahom ghal kull sena xi depoziti f'bank statements ohrajn, jigifieri bazikament qabad il-bank statements, ghaddhom u zied maghhom fin-nuqqas li kellu bank confirmation letters ammont minimu ta' hamest elef u peress li lanqas ma kellu cash statements, cash book, zied ukoll tliet elef maghhom u wasal ghall-figura li assessejt. Peress li ma kellux ledgers lanqas tax-xiri, bazikament kull ma kellu jaghmel huwa li jipprova jassumi xi forma ta' ammont. L-unika forma ta' ledgers li kellu li jirrigwardaw il-bejgh kienu lista ta' xi bejgh ta' dghajjes li ha nipprezentaw li kienu jirrigwardaw is-snin 1999 sat-2003* - Dok. "MB5" a fol. 578 sa' 583 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Dawn meta gew analizzati gew jaghmlu sens meta huma ikkumparati mal-bank deposits allura meta d-dipartiment rahom li jaghmlu sens u ma kienx hemm differenzi kbar hafna, ghalkemm xorta wahda qed inqisu li dawn ma kienux kompluti ghaliex it-tax payer kemm il-darba semma illi xogholu ma kienx biss fix-xiri u bejgh ta' dghajjes imma kien ukoll fir-repairs u maintenance u f'dawk il-listi ma jinkludux repairs u maintenance allura mhux qed inqisuhom bhala kompluti imma kienet forma ta' bazi li stajna almenu nserhu mohhna li l-ammonti ta' bejgh li ahna qed nikkunsidraw ghal dan l-assessment ma kienux sproporzjonati. Biex naslu ghall-figura ta' xiri peress li at that point in time li hareg l-assessment, l-assessment fuq bazi ta' rifjut, ma kellniex, id-dipartiment l-unika ghazla li kellu kienet li jassumi li f'dak il-bejgh li ghadni kif ipprezentajt nofsu kien ix-xiri u din kienet assumption tad-dipartiment fuq bazi li ma kellu ebda mod iehor fuqiex joghqod. Meta giet analizzata l-kaxxa hargu l-listi ta' xiri u dawn parti minnhom*

*kienet tirrigwarda s-snin 1998 sas-sena 2003, is-snin li ahna kellna l-bank deposits fil-bazi ta' assessment però ma kellniex il-lista tax-xiri. Hawnhekk ghandi l-lista tax-xiri li sar, almenu parti minnu minn dak li qed naraw li kien hemm mit-tax payer u hawn qed nipprezenta l-lista tax-xiri ghal dawk is-snin* - Dok. "MB6" a fol. 572 sa' 577 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Meta dawn il-listi ta' xiri gew imqabbla ghax issa qed naraw at this point ma' dak li hemm fl-assessment, hareg li t-total as per invoices, jigifieri f'dawk il-listi li jiena ghadni kif ipprezentajt jammonta ghal ammont globali bejn is-snin 1999 sat-2004 ghal 656,301. Mentri meta tqis dak li ahna hadna as per assessment kien bhala repairs and parts kif ukoll as per assessment cost of sale of boats jammonta ghal ammont ferm aktar ta' 776,958. Jigifieri fl-ammont li ahna hadna ghall-assessment huwa sahansitra huwa aktar minn dawk li gew prezentati tal-kaxxa jigifieri biex nghid hekk ahna konna aktar favur it-tax payer. Apparti dan wiehed irid isemmi li meta gew analizzati dawk l-invoices it-total as per assessment kien jinkludi pagament lil certu Paul Ciantar datat 15th January 1999 ghal Lm5,000 regarding levelling of yard u bazikament dak m'ghandux jittiehed parti mix-xiri ghaliex se mai jitqies bhala fixed asset u ma jitnaqqasx ma' l-ispejjez ta' dik is-sena relattiva imma ghandu jitnaqqas skond id-depreciation skond il-capital allowances. Kien hemm pagament iehor fl-istess sena lil Mark Micallef for plastering datat 5 t'April 1999 li kien jammonta ghal Lm6,160. Nixtieq nipprezenta l-lista tal-invoices, schedule li jispjega l-ammonti globali tal-invoices li sibna fil-kaxxa meta jigi komparat ma' l-as per assessment repairs and parts u ma' l-as per assessment cost of sale boats li juri d-differenza li hemm bejn dak li ahna tajna lit-tax payer fil-bazi t'assessment ghal dawk is-snin 1999 sat-2004. Bazikament dik hija r-raguni ghala ma biddilniex l-assessment ghal dawk is-snin ghaliex li konna tajnieh ahna fil-bazi t'assessment kien hafna ghola minn dak li prezenta* - Dok. "MB7" a fol. 571 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

Ghall-mistoqsija tat-Tribunal: *Jigifieri kieku kellkom tiehdu on account l-invoices mhux kif hdimtu intom, l-assessment fil-verità jigi li jghola?* Marco Borg wiegeb: *Iva jitla' 'l fuq minn mitt elf bhala income.*

B'referenza ghas-snin ta' stima 2005 sa' 2007 Marco Borg xehed: *peress li ahna f'idejna ma kellniex fuq bazi t'assessment il-bank deposits ghas-snin ta' stima 2005, 2006, u 2007 dawn gew analizzati u mghaduda kollha kemm huma u bazikament qed nipprezenta lista tal-bank deposits ghal dawk is-snin li huma materjalment inqas minn dak li kien assuma d-dipartiment* - Dok. "MB8" a fol. 570 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru. 24/11. *Id-dipartiment ghal dawk is-snin 2005, 2006 u 2007 peress li ma kellux bank deposits u l-bank statements li kellu jaghmel kien qabad il-bank deposits li kellu f'idejh ghas-snin 1999 sat-2004 u ha average taghhom li kien jammonta ghal 218,362 u dak uzah ghas-snin 2005, 20069 u 2007. Peress li l-ammont huwa materjalment anqas ovjament l-assessment gie li naqas ghal dawn is-snin 2005, 2006, u 2007. Hawnhekk xtaqt nipprezenta l-lista ta' kif inhadem l-assessment originarjament bil-workings li kien ipprezenta d-dipartiment lit-tax payer matul il-fazi t'oggezzjoni u l-workings li bazikament kien uza ghall-figura finali* - Dok. "MB9" a fol. 569 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Bil-permess tieghek nixtieq nipprezenta wkoll il-figuri tar-revised*

*sales ta' kif gew wara li ahna zidna ma' dawk il-bank deposits peress li t-tax payer baqa' ma taniex at this point in time, u lanqas fil-kaxxa ma kien hemm bank confirmation letters li jikkonfermaw li d-depoziti li kien hemm f'dawk il-bank accounts kienu kollha, xorta wahda kellu biex ikun konsistenti mas-snin ta' qabel izid 5,600 ghat-2005, 5,700 ghat-2006 u 5,800 ghat-2007. Ghalhekk id-dipartiment biex ikun konsistenti mas-snin ta' qabel peress li ma kienx hemm dawn il-confirmation letters bazikament kellu jzid mal-bank deposits. L-istess haga peress li ma kellniex cash book, biex inkunu konsistenti mas-snin ta' qabel ghamilna l-assumption li kien hemm 3,600 ghat-2005, 3,700 ghat-2006 u 3,800 ghat-2007 fejn ahna zidna mal-bank deposits. Naqqasna minn dawk il-bank deposits dawk li t-tax payer iddikjara bhala vat ghaliex dawk kien iddikjarahom u ma dahlux, biex nghid hekk fil-but tieghu, u naqqasna wkoll 4,000 bhala adjustment form lit-tax payer kien dahhal fuq rental income u r-revised sales nizlu ghal 183,000 fit-2005, 98,000 ghat-2006 u 108,000 ghat-2007 u hawn ghandi l-lista biex nipprezentaha* - Dok. "MB10" a fol. 568 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Ghas-snin 2004, 2005, 2006 u 2007 kellna ledgers li qed nghidu tal-kaxxa u bazikament peress li ahna bhala dipartiment at assessment stage ma kellna xejn allura konna naqqasna l-assumption b'nofshom f'dan il-kaz peress li kellna l-ledgers ahna stajna noghqodu fuqhom. Hawnhekk qed nipprezenta lista li gie mghaduda bl-ammonti tax-xiri kif klassifikati purchases and expenses, communications, fuel, water and electricity u legal and professional fees li jirrgwardjaw is-snin bazi 2003 sat-2006 u din hija l-lista li d-dipartiment ghoddhom mal-ispejjez u qishom bhala tajbin* - Dok. "MB11" a fol. 567 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *L-analizi tal-ledgers hawn ukoll summary taghha u wasalna ghar-revised cost of sales* - Dok. "MB12" u Dok. "MB13" a fol.559 u 560 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11. *Meta gie analizzat kollox wasalna ghar-revised net profit ghat-2004 gejna Lm46,199, ghat-2005 gejna 83,440, ghat-2006 gejna 35,351 u ghat-2007 gejna 20,497 dejjem snin ta' stima. Hawn ghandi l-lista ta' kif wasalna ghal dawn il-figuri* - Dok. "MB14" a fol. 558 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

Mix-xhieda ta' Marco Borg jirrizulta ghalhekk li in segwitu ghall-analizi tad-dokumentazzjoni sottomessa mir-Rikorrent lill-Ufficjal tat-Tax Compliance Unit Sonia Vella, fejn issa kellu stampa itkar cara tas-sitwazzjoni, il-Kummissarju tat-Taxxi wasal ghall-konkluzzjoni l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2005, 2006 u **2007** kif mahruga minnu fil-konfront tar-Rikorrent ghandhom jonqsu peress illi issa n-*net profit* tar-Rikorrent ghal tali snin ta' stima gie ghal Lm83,441[49], Lm35,351[50] u **Lm20,497**[51] rispettivament.

Minn analizi tal-provi u tad-dokumenti kollha formanti parti mill-atti processwali t-Tribunal ma jsib l-ebda raguni li twasslu biex jikkonkludi li l-verifika u investiazzjoni esegwiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* **u** l-konsegwenti analizi tad-dokumenti sottomessi lit-Tax Compliance Unit kif maghmula mill-Kummissarju

[49] Ekwivalenti ghal €194,365.24.
[50] Ekwivalenti ghal €82,345.68.
[51] Ekwivalenti ghal €47,745.16.

tat-Taxxi fil-mori tal-proceduri li wasslet ghal tnaqqis tan-*net profit* tar-Rikorrent ghaliex issa l-Kummissarju kellu stampa iktar cara tas-sitwazzjoni, huma zbaljati. Minn naha l-ohra l-provi prodotti u pretensjonijiet avvanzati mir-Rikorrent fil-proceduri odjerni in opposizzjoni ghal tali Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu la huma sufficjenti biex sodisfacentement jippruvaw li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2004 huma eccessivi, dan hekk kif debitament osservat fis-sentenzi relattivi u rispettivi ghall-imsemmija snin ta' stima, u lanqas huma sufficjenti biex sodisfacentement jippruvaw li d-dhul taxxabbli tieghu ghas-snin ta' stima 2005, 2006 u 2007 ghandu jonqos ulterjorment minn kif issa determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi in segwitu ghall-analizi tad-dokumentazzjoni sottomessa lil Sonia Vella.

Dr. Charles Attard jipprova jpoggi fid-dubju l-korrettezza tal-verifika u investigazzjoni esegwiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* billi jikkontendi li ghalkemm ir-Rikorrent gie kostrett u mgieghel mid-Dipartiment biex jissottometti Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima in kwistjoni, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni xorta baqa' ghaddej bil-verifika w investigazzjoni tieghu u konsegwenti hrug ta' Likwidazzjonijiet tat-Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent. Fir-rigward jigi osservat però li l-fatt li *taxpayer* jissottometti Formola ta' Aggustament, anke jekk fuq direzzjoni da parte tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, dan ma jipprekludix lill-Kummissarju tat-Taxxi milli jivverifika jew ikompli jivverifika jekk id-dhul kif dikjarat u sussegwentement aggustat mit-*taxpayer* huwiex veritier u reali.

L-istess Dr. Charles Attard jikkontendi li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi huma ezagerati ghaliex il-figuri finali li rrizultaw mill-verifika w investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* huma ghola mill-figuri finali li rrizultaw mill-verifika w investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud, liema figuri regghu naqsu ulterjorment wara r-Review Stage. Fir-rigward però jigi osservat li l-perijodi ta' taxxa kkunsidrati ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud huma l-ahhar xahrejn tas-sena 2003, is-sena 2004, is-sena 2005 u ghaxar xhur mis-sena 2006, li allura se mai jolqtu s-snin ta' stima 2004, 2005, 2006 u 2007 u kif già iktar 'l fuq osservat id-debita analizi tad-dokumentazzjoni li fuqha hadmet l-ufficjal tat-Tax Compliance Unit Sonia Vella, liema dokumentazzjoni jigi ribadit ghal xi raguni fl-ahhar mill-ahhar inspjegabbli ma gietx provduta lill-Ufficjali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni la fl-istadju ta' verifika u lanqas fi stadju ta' oggezzjoni, wasslet ghal tnaqqis sostanzjali tan-*net profit* tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2005, 2006 u 2007.

Tul is-smigh ta' dawn il-proceduri r-Rikorrent esebixxa dokumentazzjoni biex jipprova jispjega ulterjorment u b'hekk jiggustifika, ghall-inqas in parte, id-diskrepanza li xorta baqghet tirrizulta bejn id-depoziti bankarji tieghu u dhul kif dikjarat minnu. Din id-dokumentazzjoni, li tinsab a fol. 125 sa' 159 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11, tikkonsisti fis-segwenti: (a) kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice datat **5 ta' Settembru 1999** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2000) li minnu jirrizulta li r-Rikorrent, li kien jidher fuq dak l-att ghan-nom u in rappreżentanza ta'

George Hair u Lois Gillian Godwin, ircieva s-somma ta' **Lm42,500** pertinenti ghat-trasferiment tal-fond Marita, Nru.81, Good Shepherd Avenue, Balzan [52] ; (b) konvenju datat **14 ta' Gunju 2002** minn liema jirrizulta li r-Rikorrent u martu kienu se jbieghu u jittrasferixxu versu l-prezz ta' Lm90,000 il-maisonette bil-garage u basement relattivi Nri. 46 u 44, Triq ir-Ratal, Swieqi, u fuq dak il-konvenju rcevew is-somma ta' **Lm9,000** bhala depozit akkont, u kuntratt ta' trasferiment proprio datat **30 ta' Settembru 2002** minn liema jirrizulta li l-imsemmi fond gie trasferit mir-Rikorrent u martu versu l-prezz ta' **Lm80,000** u l-moobli ta' go fih gew mibjugha versu l-prezz ta' **Lm10,000**[53]; (c) kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat **25 ta' April 2003** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2004), minn liema jirrizulta li r-Rikorrent, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Ruthild Blanka Keisli u Fritz Kleisli, ircieva s-somma ta' **Lm125,000** pertinenti ghat-trasferiment tal-fond ossia penthouse internament numerata 15 f'Nru.243, Tower Road, Sliema[54]. Dokument mahrug min-Nutar Dottor Victor Bisazza datat **12 ta' Marzu 2001** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2002) minn liema jirrizulta li in konnessjoni ma' dan it-trasferiment ir-Rikorrent, dejjem in rapprezentanza ta' Ruthild Blanka Keisli u Fritz Kleisli, kien ircieva s-somma ta' **Lm14,000** bhala depozitu akkont tal-prezz tat-trasferiment[55]; (d) skrittura datata **15 ta' April 2003** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sona ta' stima 2004) li minnha jirrizulta li kull xahar bejn il-15 ta' April 2003 u l-15 ta' Awwissu 2003 ir-Rikorrent ircieva hlas minghand Michael Tanti tas-somma komplessiva ta' **Lm23,620** *in respect of sale of one used Land Cruiser 4.2 Ltr VX*[56]; (e) fattura u dokumenti ohra relatati lkoll datati bejn il-**5 ta' Frar 2007 u 19 ta' Ottubru 2007** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2008, liema sena ta stima ma tifformax il-mertu ta' ebda wiehed mir-Rikorsi pprezentati quddiem it-Tribunal mir-Rikorrent) fir-rigward ta' akkwisti mill-Italia ghall-valur totali ta' **€100,967.91**[57]; (f) skambju ta' emails bejn ir-Rikorrent u certu Robert Peter Wilson dwar flus moghtija minn dan ta' l-ahhar lir-Rikorrent, fl-ammont komplessiv ta' **Lm22,000**, f'**xi zmien qabel id-29 ta' Marzu 2005** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2006), sabiex ir-Rikorrent ghan-nom tieghu jakkwistalu dghajsa li kienet di proprjetà ta' certu **Baldassere Seychell**[58]; (g) dokument li jidher li ghandu d-data **3 ta' Settembru 2002** (kwindi jidher li hu rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2003) minn liema jidher li r-Rikorrent ircieva s-somma ta' **Lm14,000** minghand certu Wayne Sidell sabiex jakkwista ghan-nom tieghu dghajsa Sunseeker Monterey 27, **Reg SSR 65682**[59]; u (h) affidavits ta' Serkis Matheous, Ian Howarth u John Burton fejn l-imsemmija tlieta min-nies iddikjaraw li rispettivament ghaddew lir-Rikorrent flus - fl-ammont ta' **Lm30,000** fl-**4 ta' Marzu 2005** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2006); fl-ammont ta' **Lm9,750** fit-**28 ta' Gunju 2004** (kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta' stima 2005); u fl-ammont ta' **Lm9,000** fit-3 ta' April 2002

[52] Fol. 125 sa' 130 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[53] Fol. 131 sa' 139 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[54] Fol. 140 sa' 147 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[55] Fol. 147 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[56] Fol. 149 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[57] Fol. 150 sa' 152 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[58] Fol. 153 sa' 155 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[59] Fol. 156 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.

(kwindi rilevanti u pertinenti ghas-sena ta’ stima 2003) - sabiex jakkwista ghannom ta’ kull wiehed minnhom dghajsa minghand terzi[60].

Minn ezami w analizi tal-*bank statements* sottomessi mir-Rikorrent, esebiti f’ dawn l-atti bhala Dok. “GB$_{E1}$” sa’ Dok. “GB$_{E9}$”, Dok. “GB$_{F1}$” sa’ Dok. “GB$_{F9}$” u Dok. “GB$_{G2}$” sa’ Dok. “GB$_{H}$” u tad-dokumentazzjoni kollha l-ohra sottomessa f’dawn il-proceduri, it-Tribunal ma sab l-ebda riskontru, la bhala depoziti u lanqas bhala hrug, ta’ dawn il-flejjes indikati mir-Rikorrent. Jigi rilevat però li ghall-fini tat-trasferiment tal-proprjetà fis-Swieqi, dawn l-ammonti ittiehdu in konsiderazzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxi Intenri ghall-fini ta’ gustifikazzjoni tad-diskrepanza li irrizultat bejn id-dhul dikjarat, l-investimenti maghmula mir-Rikorrent u d-depoziti bankarji effettwati minnu.

Dan fil-fatt jirrizulta mill-affidavit ta’ Marco Borg fejn stqarr li *minn analizi li saret matul il-kors ta’ l-investigazzjoni u matul l-istadju ta’ l-oggezzjoni d-dhul dikjarat ta’ XXX bl-ebda mod ma seta’ jiggustifika l-investimenti kapitali personali li rnexxielu jwettaq matul is-snin in kwistjoni. Huwa importanti li biex tinghata stampa cara tad-dhul reali ta’ XXX, il-likwidazzjonijiet mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Intenri jigu analizzati fid-dawl tax-xiri ta’ proprjetà w investimenti fihom. Nghid li fl-1 ta’ Ottubru ta’ l-2002, XXX xtara villa bl-isem ta’ Panorama gewwa l-Birguma fil-limiti tan-Naxxar ghall-ammont ta’ Lm95,000 … Nghid li mal-valur tat-trasferiment XXX hallas l-ammont ta’ Lm4,450 bhala boll fuq it-trasferiment. Mal-kuntratt ta’ trasferiment gie mehmuz dokument li jikkonferma x-xiri ta’ ghamara u oggetti ohra fl-ammont ta’ Lm26,500 minghand l-istess venditur. Peress li ma issemma l-ebda self minn xi bank fil-kuntratt tax-xiri u lanqas ingabet prova li sar xi self sabiex setghet tinxtara din il-proprjetà, il-Kummissarju assuma li XXX kellu bizzejjed flus kontanti biex johrog l-ammont globali ta’ Lm125,950 ghal dan it-trasferiment. Waqt ix-xhieda tieghi fl-istess seduta ta’ l-4 ta’ Gunju 2015 gew prezentati wkoll listi ta’ rcevuti li XXX hallas matul l-2003 fl-istess villa li kien xtara s-sena ta’ qabel. Matul is-sena 2004, huwa nefaq Lm1,627 ohra fl-istess villa u ta’ min jirrimarka li dawn jammontaw ghal spiza globali ta’ Lm43,399. Dan kollu jfisser li fil-proprjetà li kien xtara fl-2002 flimkien mal-mara tieghu, f’inqas minn sentejn, XXX hareg mill-anqas Lm169,349 fi flus kontanti. Nghid li sena wara, fit-30 ta’ Mejju 2003, huwa xtara proprjetà ohra, garaxx minghajr numru gewwa x-Xemxija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar ghall-valur ta’ Lm30,000, liema xiri kien suggett ghal boll ta’ Lm1,500. Ghal darba ohra, ma jissemma l-ebda self mill-bank fil-kuntratt ta’ trasferiment. Ghal din ir-raguni l-Kummissarju assuma li XXX kellu bizzejjed flus kontanti biex jixtri tali proprjetà. … Meta wiehed jghodd dawn l-investimenti kollha fil-proprjetà l-valur globali jammonta ghal Lm200,849. Minn informazzjoni li giet mghoddija lid-Dipartiment, parti minn dan l-investiment seta kien iffinanzjat permezz tal-bejgh ta’ proprjetà ohra li huwa kellu gewwa s-Swieqi u li XXX biegh ghall-valur ta’ Lm80,000. Izda dan xorta jfisser li XXX kellu f’idejh mill-inqas Lm120,849 bejn is-sena 2002 u s-sena 2003 u dana ma jinkwadrax mad-dikjarazzjonijiet tad-dhul li XXX ghamel ghall-istess snin, kif wiehed jista' jara mill-formoli tat-taxxa prezentanti flimkien ma’ dan l-affidavit bhala Dok. “9”*[61] *fejn il-medja tad-dhul*

[60] Fol. 157 sa’ 159 tal-process fl-ismijiet “XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni” Rik. Nru. 24/11.
[61] Fol. 699 sa’ 751 tal-process fl-ismijiet “XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni” Rik. Nru. 24/11.

*iddikjarat minnu bejn is-snin ta' stima 1999 sa' sena ta' stima 2004, qabel l-aggustamenti, kien dak ta' Lm7,138 fis-sena*[62].

B'hekk dawn id-dokumenti esebiti mir-Rikorrent tul is-smigh ta' dawn il-proceduri ma jaghtu l-ebda spjegazzjoni dwar id-diskrepanza li fi kwalunkwe kaz tirrizulta bejn id-depoziti tar-Rikorrent u d-dhul minnu dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tieghu.

Kif già iktar 'l fuq osservat hu u jispjega kif u bazi ta' xiex inhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proceduri fil-konfront tar-Rikorrent, Marco Borg iddikjara li *bil-permess tieghek nixtieq nipprezenta wkoll il-figuri tar-revised sales ta' kif gew wara li ahna zidna ma' dawk il-bank deposits peress li t-tax payer baqa' ma taniex at this point in time, u lanqas fil-kaxxa ma kien hemm bank confirmation letters li jikkonfermaw li d-depoziti li kien hemm f'dawk il-bank accounts kienu kollha, xorta wahda kellu biex ikun konsistenti mas-snin ta' qabel izid 5,600 ghat-2005, 5,700 ghat-2006 u 5,800 ghat-2007. Ghalhekk id-dipartiment biex ikun konsistenti mas-snin ta' qabel peress li ma kienx hemm dawn il-confirmation letters bazikament kellu jzid mal-bank deposits. L-istess haga peress li ma kellniex cash book, biex inkunu konsistenti mas-snin ta' qabel ghamilna l-assumption li kien hemm 3,600 ghat-2005, 3,700 ghat-2006 u 3,800 ghat-2007 fejn ahna zidna mal-bank deposits*[63].

Fil-fehma tat-Tribunal dawn l-assunzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi huma, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, gustifikati u dana billi kien l-istess Rikorrent li naqas milli jissottometti *cash book*, li difficilment jitwemmen li fin-negozju tieghu ma kellux, u konferma li l-kontijiet bankarji li huwa indika lill-Kummissarju tat-Taxxi u li taghhom ipprovda *bank statements* kienu l-unici kontijiet bankarji tieghu. Apparte minn hekk jigi osservat li peress illi kif già iktar 'l fuq osservat il-flejjes indikati mir-Rikorrent fid-dokumentazzjoni minnu esebita tul is-smigh ta' dawn il-proceduri ma jirrizultawx la bhala depoziti u lanqas bhala hrug fil-*bank statements* minnu provduti lill-Kummissarju tat-Taxxi, dan fih innifsu jikkostitwixxi indikazzjoni ferm qawwija li r-Rikorrent ghandu kontijiet bankarji ohra li però baqa' ma indikahomx lill-Kummissarju u ma pprovdiex il-*bank statements* taghhom. B'hekk jigi ribadit li l-assunzjonijiet li ghamel il-Kummissarju fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami huma gustifikati.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li *r-rapport taxxa pperikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità*[64]. Fir-rigward ta' tali aggravju t-Tribunal huwa tal-fehma li entro l-parametri tal-kompetenza Tieghu kif konferita bl-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jista' jikkonsidra u jiddetermina biss jekk fl-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali w imghaxijiet il-Kummissarju tat-Taxxi Interni mexiex skond il-provvedimenti relattivi ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[62] Affidavit ta' Marco Borg, fol. 640 sa' 654 tal-process fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 24/11.
[63] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2015, fol. 95 sa' 105 tal-process.
[64] Fol. 2 tal-process.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni impona t-taxxa amminsitrattiva u l-imghaxijiet fuq ir-Rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ma jirrizultax li dawn, bhala parti mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent, huma zbaljati jew eccessivi. Jekk ir-Rikorrent jikkontendi però li d-disposizzjonijiet tal-Ligi kif promulgati jiksru l-principju ta' proporzjonalità, it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju fejn tigi trattata tali kwistjoni.

In fine t-Tribunal se jittratta t-talba tar-Rikorrent avvanzata waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2011[65] sabiex l-imghax jigi sospiz b'effett mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur. Apparte l-fatt li l-Ligi, senjatament fl-Artikolu 44(2) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-Legislazzjoni Sussidjarja 372.26, tittratta b'mod specifiku dwar il-mahra *in toto* jew *in parte* ta' l-imghax impost fuq *taxpayer*, it-Tribunal iqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jirrizulta l-ebda fatt li jwasslu biex nonostante dak provdut fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-Ligi, jintervjeni b'mod dirett u jissosspendi l-imghax dekoribbli fuq it-taxxa dovuta mir-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2007. Ghaldaqstant it-talba avvanzata mir-Rikorrent ghas-sospensjoni ta' l-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, ghandha tigi michuda, b'dana però li l-imghax ghandu jiddekorri fuq l-ammont ta' taxxa rivedut a bazi tan-*net profit* rivedut tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2007.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-thassir u revoka tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2007, izda jordna ta' l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi riveduta 'l isfel a bazi tal-figura mnaqqsa ta' *net profit* ta' Lm20,497, ekwivalenti ghal €47,745.17, **u** jichad ukoll it-talba avvanzata mir-Rikorrent waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2011 ghas-sospensjoni ta' l-imghax b'effett mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, b'dana però li l-imghax ghadu jiddekorri fuq l-ammont rivedut ta' taxxa dovuta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[65] Fol. 28 tal-process.